MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 123/1996/2

Kawza fil-lista: 34

**A B, f' isimha proprju**
**u bhala kuratrici ad litem ta' C u D,**
**ahwa B, ulied il-kontendenti**
**vs**
**E sive E B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu f' Malta fit-12 ta' Lulju 1987 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt-it tfal minuri, C u D, [li llum huma maggjorenni]; li l-hajja konjugali bejn il-partijiet tkissret irrevokabbilment minhabba ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 imputabbli lill-konvenut; li konsegwenza ta' dan, l-attrici giet kostretta titlaq mid-dar konjugali flimkien mat-tfal minuri tal-partijiet;

li l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni sabiex tipprocedi bil-kawza odjerna; ghaldaqstant qed titlob li din il-Qorti [1] tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut; [2] tafdaha bil-kura u kustodja ta' l-ulied minuri, b' access favur il-konvenut; [3] tordna li l-konvenut ihallas lilha manteniment ghaliha u ghat-tfal minuri tal-partijiet; [4] tapplika kontra l-konvenut l-artikolu 48 tal-Kap.16; [5] tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti, tillikwidaha u tassenja l-assi lill-partijiet; [6] tawtorizza lill-attrici tghix fid-dar matrimonjali Blokk numru hamsa [5] appartament numru tlieta [3] fil-Housing Estate Ta' Paris, Birkirkara, flimkien ma' l-ulied minuri, ad eskluzjoni tal-konvenut; [7] tordna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni parafernali u dotali taghha; [8] tawtorizza lill-attrici tirregistra s-sentenza fir-Registru Pubbliku; bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut biha cahad dak attribwit lilu mill-attrici, u sostna li kienet l-istess attrici l-persuna hatja ghas-separazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat il-verbal maghmul mill-attrici fl-udjenza tat-3 ta' April 2007[1] u konfermat mill-konvenut fl-udjenza tal-16 ta' Gunju 2010, li permezz tieghu l-partijiet qabblu li "iz-zewg depoziti bankarji fissi [indikati bhala] Dok.CP16 u CP17 tan-nota ta' l-attrici tad-9 ta' Marzu 2007, jigu assenjati lilha, filwaqt li l-mobbli li thallew fid-dar matrimonjali jigu assenjati lill-konvenut."

Rat il-verbal maghmul fl-udjenza tas-16 ta' Gunju 2010 li permezz tieghu l-partijiet talbu li din il-Qorti taghti sentenza fit-termini ta' l-imsemmi ftehim;

Rat id-digriet moghti mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Awissu 2007 li permezz tieghu d-Direttur tar-Registru Pubbliku gie ordnat sabiex jirregistra s-sentenza moghtija mit-Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza fit-30 ta' Marzu

[1] Vol.2 – fol.220

2007 li kkonfermat decizjoni precedenti tat-Tribunal Metropolitan ta' l-Arcidjocesi ta' Malta tat-30 ta' Novembru 2005 li ddikjarat null iz-zwieg bejn il-partijiet;[2]

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet attribwibbli lill-istess konvenut fit-termini ta' l-artikolu tal-ligi fuq citat.

Min-naha tieghu l-konvenut qed jichad dak attribwit lilu, u qed jitfa' r-responsabbilita' tas-separazzjoni fuq l-attrici.

Illi fil-mori tal-kawza z-zwieg gie dikjarat null mit-tribunali ekklezjastici, u sussegwentement debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Illi l-ulied tal-partijiet illum huma maggjorenni.

Illi l-partijiet ftehmu dwar l-aspett patrimonjali tal-kawza, skont il-verbal fuq indikat.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel talba, stante li z-zwieg gie annullat;
[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, stante li t-tfal illum huma maggjorenni;
[3] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba, in vista tat-talba ta' l-attrici biex din il-vertenza tigi rizervata ghal gudizzju separat stante li fil-prezent l-attrici tahdem;
[4] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' talba, stante li z-zwieg gie annullat;
[5] tilqa' l-hames talba, limitatament fit-termini ta' dak pattwit bejn il-partijiet skond il-verbali tat-3 ta' April 2007 u tas-16 ta' Gunju 2010;
[6] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba tenut kont ta' dak pattwit bejn il-partijiet;

---

[2] Vol.2 – fols.255 - 257

[7] tilqa' is-seba' talba fit-termini tal-verbali fuq citati;
[8] tilqa' t-tmien talba;

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------